MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1702/2002

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Simon Jason Clarke**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm380.00c (tlett mija u tmenin lira Maltin) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' Lm352.00c (tlett mija u tnejn u hamsin lira Maltin) bhala import ta' tmien (8) kambjali skaduti u mhux imhallsa u in kwantu ghas-somma ta' Lm28.00c (tmienja u ghoxrin lira Maltin) bhala mghaxijiet legali dovuti sad-data tal-prezentata ta' l-Avviz tat-talba fuq l-istess ammont.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm380.00c (tlett mija u tmenin lira Maltin), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------